11 ta' April, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Dr. Albert R. Glenday, M.D. *versus* Brigadier Alfred J. Gatt ne.**

**Lokazzjoni — Rekwiżizzjoni — Protection Officer — Kuntratt "sui generis" — Board tal-Kera — Kompetenza.**

*Ir-rapporti bejn ir-Regional Protection Officer li jirrekwiżizzjona dar u jakkomoda fiha persuna rifuġjata jew mingħajr dar u dik il-persuna hekk akkomodata mhumiex ta' kuntratt ta' lokazzjoni vera u proprja, imma ta' kuntratt "sui generis" li joħroġ mill-kompetenza tal-Board tal-Kera.*

*Il-persuna li tiġi hekk akkomodata hija obligata tħallas għall-okkupazzjoni ta 'dik id-dar il-kera li r-Regional Protection Officer ikun qiegħed iħallas lil sid id-dar rekwiżizzjonata, u ma jistax jippretendi li jħallas il-kera xieraq bħal fil-każi ta' lokazzjoni vera u proprja.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' Dr. Glenday quddiem il-Board li jirregola l-Kera, li ppremetta li hu qiegħed jikri minn għand l-intimat nomine l-fond nru. 68, Bishop Caruana Street, Ħaż-Żebbuġ, bil-kera ta' £15 fis-sena, u talab li jiġi fissat il-"fair rent" skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza XVI ta' l-1944;

Rat ir-risposta ta' l-intimat nomine, li eċċepixxa l-inkompetenza ta' dak il-Board peress li huwa qiegħed sempliċement akkomodat mar-Regional Protection Officer f'post rekwiżizzjonat għan-nies li ma għandhomx jew ma sabux fejn joqgħodu, u għalhekk għandu jħallas il-kumpens li r-Regional Protection Officer qiegħed iħallas lis-sid;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Board fuq imsemmi fl-14 ta' Frar 1944, fejn irriġetta l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza; wara li kkunsidra;

---

**Din is-sentenza ġiet profferita wara dik mogħtija fil-kawża "Francis Curmi vs. Salv. Gakka, O.B.E., ne." numru 11 fuq il-lista tal-lum (publikata).**

Li barra mir-raġunijiet mogħtija fil-kawża "Curmi vs. Galea ne." deċiża mill-Board fis-7 ta' Frar 1944, għandu jkun aġġunt illi l-liġijiet ta' l-emerġenza holqu ċerti relazzjonijiet anormali, iżda għandu jkun eżaminat liema relazzjonijiet ġuridiċi għandhom l-aktar analoġija, u ma jistax ikun hemm dubju illi l-aktar analoġija li hemm hija mal-kuntratt tal-lokazzjoni; u peress hemm l-element tal-lokazzjoni, u ma jidehx illi r-Regional Protection Officer kien sejjer jiddetermina dawk ir-relazzjonijiet kapriċċjożament; illi ma hemmx ostakolu fl-emenda introdotta bil-Government Notice 215/44. Reg. 15A;

Rat ir-rikors ta' l-intimat fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata, u tiġi milqugħa l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi għar-raġunijiet mogħtija l-lum fil-kawża "Curmi vs. Galea ne." ir-rapporti bejn ir-Regional Protection Officer li jirrekwiżizzjona dar u mbagħad jakkomoda persuna rifuġjata jew mingħajr dar, u din il-persuna hekk akkomodata, mhumiex ta' vera u proprja lokazzjoni, iżda kuntratt "sui generis" li, kif qal il-Board, jixbaħ ħafna l-lokazzjoni, iżda ma għandux l-elementi kollha ta' dak il-kuntratt, u għalhekk ma jistax ikun governat bil-liġijiet ta' l-emerġenza li jirregolaw dak il-kuntratt;

Tikkunsidra;

Illi ladarba l-Istat, f'dawn il-każijiet ta' neċessità għal min hu bla dar, jintervjeni jirrekwiżizzjona dar ta' ħaddieħor, forsi b'inkomodu mhux żgħir tal-persuna li minn għandha dik id-dar ġiet rekwiżizzjonata, u jakkomoda persuna oħra rifuġjata jew bla dar fen, fl-ispirtu ta' dik il-liġi, għandu jsir bħala miżura provviżorja sakemm dik il-persuna l-oħra ssib dar jew post ieħor; u allura tkun tista' tidħol fir-rapporti ta' lokazzjoni mas-sid tad-dar li tkun sabet; iżda f'dak ir-rapport speċjali mal-Protection Officer hija tkun qiegħda hemm sempliċement akkomodata f'dik id-dar bħala miżura ta' emerġenza, u għalhekk raġjonevolment għandha tħallas dak il-

kumpens illi r-Regional Protection Officer ikun qiegħed iħallas lis-sid tad-dar rekwiżizzjonata; għax diversament, wara l-favur illi l-Istat ikun għamel lil din il-persuna rifugjata, din tkun qiegħda tgawdi benefiċċju ieħor, illi l-Istat iħallas "de proprio" dik id-differenza li eventwalment jista' jkun hemm. Ħaġa li ċertament l-ispirtu tal-liġi l-ġdida fuq il-kera qatt ma riedet u qatt ma pprevediet, u li kieku dan il-każ kienet teskludih, għax huwa ingust għall-Istat stess;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk premessi fis-sentenza tal-kawża "Curmi vs. Galea ne." fuq imsemmija;

Tilqa' l-appell ta' l-intimat nomine, u għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza mogħtija mill-intimat nomine, u in vista tan-novità tal-każ tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; id-dritt tar-reġistru, però, relativ jitħallas mill-appellat. U għalhekk tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell.